# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 195/2015**

Il-Pulizija

vs

**Benny (Benjamin) Bondin**

iben Alfred, imwieled Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 561565(M)

Illum il-31 ta' Lulju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Benny (Benjamin) Bondin quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe` talli fiz-zminijiet qabel l-1 ta' Gunju 2002 mill-fond 'Honey Bunch Confectionery' fi Triq Hompesh Fgura:

1. ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn €2329.37 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.
2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-metre tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gummi wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta’ April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b),(c),(e),(f), 263, 264, 267,269, 270, 279(b) u 326(c)(f) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Lijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat **Benny Bondin** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Benny (Benjamin) Bondin minnu pprezentat fid-29 ta’ April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u cioe dik ta' 1-20 t' April 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tirriduci l-piena li ghaliha kien soggett mill-ewwel Qorti u tikkundanna ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti qatghet fiI-qasir meta qalet illi "galadarba l-perjodu jaqbel, kif ukoll il-persuna li kienet tmexxi dan il-fond gie stabbilit illi kien l-imputat f'dak il-perjodu, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha".
>
> Illi pero' din il-kawza kienet tirrikjedi ezercizzju aktar profond minn hekk. Huwa minnu li l-ligi, precizament il-Kodici Kriminali, jitfa' hafna piz fuq l-imputat, izda l-ezercizzju necessarju irid isir xorta wahda. Xorta wahda tapplika li biex l-imputat jinstab hati irid ikun tnehha kull dubju dettat mir-ragun.
>
> Illi dan jirrizulta anke mill-gurisprudenza taghna u l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-appelli kriminali tas-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela, il-Qorti tghid: -
>
> "La l-prezunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha, il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux sempliciment b’mod illi joholqu suspett".

Illi l-perjodu in kwistjoni tas-serq tas-servizz ta' elettriku beda mill-25 t'Ottubru, 2000 sa' l-1 ta' Gunju 2002. Illi mill-provi irrizulta li l-ewwel darba li l-fond gie fil-pussess ta' l-appellant kien fil-11 ta' Mejju 2001. Minhabba f'dan id-dettal biss ukoll kellu jinholoq dubju min attwalment ikkommetta s-serq tad-dawl.

Illi fil-25 t'Ottubru 2000, il-fond kien ghand terzi u kien igib l-isem ta' Little People. Dan huwa z-zmien meta beda s-serq in kwistjoni. Il-propjetarju f'dak il-perjodu kien certu George Farrugia, liema fatt johrog ukoll mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk ma jistax wiehed jasal ghall-konkluzjoni li peress li meta saret l-inspection fl-l ta' Gunju 2002, l-imputat kellu l-pussess tal-fond, necessarjament, bla ebda dubju, kien l-appellant illi seraq id-dawl ghaliex meta bdiet il-problema, kien hemm diversi nies involuti li setghu kienu huma li ghamlu r-reat in kwistjoni.

Illi l-Qorti ghamlet referenza ghall-artiklu 264(2) tal-Kodici Kriminali li a skans ta' ripetizzjoni l-appellant mhux ser jikkwotah. Illi dan l-artiklu jaghmel referenza ghall-persuna li ghandha f'idejha l-fond, u li jaf b'dan l-uzu ta' mezzi qarrieqa. Pero' fil-perjodu minn meta bdew jintuzaw dawn il-mezzi qarrieqa, l-imputat ma kellux f'idejh il-fond, u ghalhekk ma setax kien hu li kien qarraq.

Lanqas ma seta' jkun jaf b'dan l-uzu ghaliex minn meta ha l-fond f'idejh l-ewwel darba, il-kontijiet tal-konsum kien dejjem l-istess u ghalhekk ma setax jinnota xi differenza bejn qabel u wara.

Illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ma dahlitx fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellant u ghalhekk ma kkunsidratx dak li kellu xi jghid l-appellant. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex il-Qorti ma semmietx li rat in-nota, izda ma hemm ebda referenza ghal dak li qal l-appellant fin-nota tieghu.

Illi apparti minn hekk il-Qorti ssemmi li l-imputat ma gabx provi ghad-difiza tieghu izda bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti. Dan jinghad ghaliex id-dubju jew sahansitra anke c-certezza tan-nuqqas ta' htija ta' l-imputat, tohrog mill-provi li ngabu mill-prosekuzzjoni.

Illi mill-provi prodotti kien jidher car illi s-serq beda meta l-appellant kien ghad ma kellux pussess tal-fond de quo. Illi dak iz-zmien tal-25 t'Ottubru 2000 il-fond kien mikri u kien igib l-isem ta' Little People, fiIwaqt illi l-propjetarju kien certu George Zammit. Meta diga' kienet bdiet il-problema, fil-11 ta' Mejju, 2001, l-appellant ha f' idejh il-fond u ghalhekk, meta l-appellant ha f'idejh il-fond, is-serq

kien diga' beda u mela allura, l-appellant isqasi kif setghet qatt kienet possibbli illi kien hu illi seraq?

Illi apparti minn dan kollu jibqa' dubju jekk l-appellant kienx jaf b'dan is-serq jew le jew setax kien jaf bil-qerq jew le, kif diga' ntqal qabel, u d-dubju ghandu jmur favur l-imputat, f'dan il-kaz, l-appellant.

Illi l-piena mghotija fil-kaz hawn appellat, kienet wahda eccessiva, anke in vista tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal erbatax-il sena ilu. Mis-sentenza appellata jidher li l-Qorti strahet fuq dak li jghid l-artiklu 264(2) tal-Kodici Kriminnali u kkundannatu ghall-piena kwazi fil-massimu ghal dak li jipprovdi dan l-artiklu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellant iddur madwar l-apprezzament tal-provi meta jishaq illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi fil-perijodu taz-zmien meta l-meter tad-dawl gie imbaghbas, il-fond fejn kien jinsab l-imsemmi meter ma kienx f'idejh, izda kien f'idejn certu George Farrugia, is-sid tal-fond li minn ghandu huwa krieh biss fis-sena 2001 sabiex b'hekk l-att materjali tar-reat ma setax sar minnu. Jikkontendi ukoll illi meta imbaghad il-fond gie f'idejh huwa ma kienx jaf bl-irregolaritajiet li kien hemm fil-meter tad-dawl.

Illi ezaminati mill-gdid l-atti tal-kaz ghandu johrog illi kien Mario Cassar, Senior Tradesman fl-Enemalta li irrapporta n-nuqqasijiet fil-meter tad-dawl meta ghamel spezzjoni gewwa l-*confectionary* bl-isem ta' *Honey Bunch Confectionary*, preċedentement

magħruf bħala *Little People*, li jinsab gewwa l-Fgura. Preżenti waqt din l-ispezzjoni kien hemm Clayton Bondin li huwa bin l-appellant kif ukoll John Camilleri li huwa Senior Tradesman ieħor fi hdan il-Korporazzjoni. Irriżulta illi l-meter kien tal-għamla 'Gunts' bin-numru ta' reġistrazzjoni 2529365 u fil-jum ta'l-ispezzjoni kellu qari ta' sebgħa u sittin elf, disa' mija u tnejn u għoxrin unit (67922). Irriżulta li s-siġilli taċ-ċomb li kienu fil-qiegħ ta' dan il-meter kienu neqsin, kif ukoll kienet mifqugha u mcaqalqa l-ħġieġa tal-istess. Kien hemm ukoll xi grif fit-truf fejn il-meter kien jeħel kif ukoll indikazzjoni ta' ċaqliq fuq in-naħa xellugija u dan peress li kien ġie inserit oġġett appożitament biex iwaqqaf ir-reġistrazzjoni tal-konsum tad-dawl, allavolja l-arlogg kien jidher għadu qed idur.

Jirriżulta mill-provi illi fi żmien l-ispezzjoni l-ħanut kien operat mill-appellant. Jirriżulta wkoll mix-xhieda illi kien sar eżerċizzju biex iqabblu l-konsum tal-meter allegatament manomess mal-konsum irregistrat fuq il-meter tad-dawl l-gdid li twahhal wara l-ispezzjoni, fejn harrget differenza konsiderevoli fil-*units* reġistrati. Maghmula dina l-kalkolazzjoni l-appellant gie mitlub iħallas is-somma ta' €7326.29. L-appellant izda baqa' jichad illi huwa kien jaf b'dan it-tbaghbis fil-meter jew inkella li kien hu li ikkometta r-reat li dwaru jinsab mixli.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din

il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

L-appellant jinsab mixli bir-reat tas-serq tal-elettriku kif ukoll b'dak tal-ħsara volontarja ikkaġjonati fuq il-meter tad-dawl bhala mezz ghal fini tal-kummissjoni tas-serq. L-artikolu 264(1) u (2) tal-Kodici Kriminali li jittratta t-tifsira ta' 'ksur' ai fini tal-aggravju tal-mezz taħt it-Titolu tas-serq, jikkwalifika dan ir-reat u joħloq preżunzjoni marbuta ma dan ir-reat:

> **Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 326[2], kull ksur, tagħwiġ, qligħ jew sgassar ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters ta' dawn is-servizzi, jew ta' xi siġill ta' xi meter, magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dawn il-kanni, fili, jew gumni, jew l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2), jitqies ukoll li huwa "ksur".**
>
> **(2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ħsara fil-kanali tal-ilma.

**kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, <u>jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ</u>**

Ikkunsidrat:

Issa jinghad minnufih illi din il-Qorti hija tal-fehma bhall-ewwel Qorti qabilha illi mill-provi mressqa jirriżulta mingħajr dubbju illi l-meter li kien jinstab fil-fond mertu ta' dan il-każ kien gie imbagħbas bil-ghan illi ssir is-serq tal-elettriku. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Mario Cassar illi t-tbagħbis li sar kien wieħed sostanzjali li kien evidenti *ictu oculi* u dan peress illi kien hemm ksur, grif, partijiet neqsin kif ukoll oġġett barrani li kien tqiegħed fil-meter appożitament sabiex il-konsum ma jiġix reġistrat. In oltre jirriżulta wkoll ppruvat illi l-fond *de quo* kien ġie akkwistat minn George Farrugia f'Ottubru tas-sena 2000 u sussegwentement, fil-11 ta' Mejju tas-sena ta' wara, dan il-fond kien inkera bhala *confectionary* bl-isem ta' *Little People* lill-appellant, liema fond baqa' għandu sakemm hu wellieh lil terża persuna fis-sena 2003 bil-kunsens tas-sid George Farrugia. Dan jikkonferma li fi żmien l-ispezzjoni kien filfatt l-appellant l-persuna responsabbli għall-fond fejn instab il-meter imbagħbas. Issa s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat. Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu, immaterjalment allura mill-mument li sehh l-att konsumattiv tar-reat. Jidher mill-atti illi din il-presunzjoni l-appellant ma jirnexxielux jeghlibha sal-grad mistenni minnu fil-kamp penali.

Fil-fatt l-appellant ma iressaqx l-icken prova in difeża ghajr ghas-sottomissjonijiet minnu maghmula bil-miktub fejn jistqarr illi l-propjeta in kwistjoni ma kinitx fil-pussess

'

tiegħu meta l-att materjali tar-reat sehh. Dan ghaliex l-komputazzjoni magħmula mill-Korporazzjoni tmur lura aktar mid-data meta l-appellant kera l-fond mingħand George Farrugia. Jgħid illi huwa ma setax jinduna bid-difetti li kien hemm fil-meter tad-dawl meta ha l-fond f'idejh u dan peress illi l-kontijiet li kien qed jirċievi kienu jixxiebħu ma' dawk ta' qabel u ghalhekk ma osserva l-ebda diskrepanzi. Għaldaqstant jikkontendi illi hu la kellu għarfien ta' dak li kien qed iseħħ u wisq anqas kien hu li kkommetta l-att materjali tar-reat billi l-meter tad-dawl kien ġie mbagħbas minn ħaddieħor, x'aktarx George Farrugia stess, li f'idejh kienet il-propjeta'. In oltre jgħid li l-fatt waħdu li hu ħallas il-garanzija lill-Korporazzjoni Enemalta meta nstab dan it-tbagħbis, ma jfisser f'ebda mod li hu kien qed jassumi r-reponsabbilta' ghall-irregolaritajiet li rriżultaw jew li kien qed jammetti għat-tort.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni orali maghmula mid-difensur tal-appellant fil-kors tas-smigh ta' dan l-appell gie imqanqal ilment iehor marbuta mal-inammisibbilta tal-prova maghmula permezz ta' dikjarazzjonijiet tal-appellant mal-pulizija fejn huwa seta' assuma r-responsabbilta' ghat-tbagħbis u l-konsegwenzjali serq tal-elettriku u dan fid-dawl tal-insenjament tramandat permezz tas-sentenza moghtija mill-qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) r-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et. Illi minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ma sejsietx is-sejbien ta' htija fuq xi stqarrija jew dikjarazzjoni maghmula mill-appellant fil-kors tal-investigazzjonijiet immexxija mill-pulizija u fil-fatt f'ebda stadju ma ħadet kont ta' din id-dikjarazzjoni li ġiet imressqa biss permezz tax-xhieda *viva voce* tal-ex Spettur Jesmond Borg. Infatti lanqas ma tidħol fil-kwistjoni tal-allegata 'ammissjoni taċita' li seta' għamel l-appellant permezz tal-ħlas tal-garanzija maghmul lill-Korporazzjoni Enemalta u dan peress illi ħareġ ben ċar illi l-ħlas in kwistjoni sar '*under protest*' u minghajr ebda ammissjoni ta' htija kif jixhed id-dokument esebiet a fol.49 tal-process. Mill-banda l-oħra, jidher illi l-ewwel Qorti straħet fuq provi oħra sabiex wasslet ghad-deċiżjoni aħħarija tagħha.

Illi jibda biex jinghad illi huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi ma ġietx ippreżentata prova dwar meta sehh il-kummissjoni tar-reat, kif lanqas ma huwa magħruf kif il-fond kien qed jintuża qabel ma nkera lill-appellant jew aħjar jekk dan kienx miftuh u jekk kienx qed jopera regolarment bħala '*confectionery*' jew ghal xi skop iehor ta' negozju sabiex b'hekk ikun hemm il-prova dwar jekk il-konsum tad-dawl baqax wiehed uniformi wara li l-fond gie f'idejn l-appellant. Madankollu din il-Qorti ssibha kemxejn diffiċli temmen kif l-appellant li ha fond f'idejh biex juzah ghal skopijiet ta' negozju ma ghamilx il-verifiki kollha mehtiega u allura li ma setax intebah bl-irregolaritajiet sostanzjali u evidenti li kien hemm fil-meter tad-dawl. Fil-fatt fil-kuntratt tal-kera esebiet in atti a fol. 86 et seq. tal-process, l-appellant bhala inkwilin intrabat li jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-post inkluz tal-affarijiet kollha li kien hemm go fih u li kien qed jassumi r-responsabbilta' ghal hlasijiet kollha tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma biex b'hekk ir-responsabbilta ghal meter tad-dawl u ilma li jirregistra l-konsum waqghet fuq spalltu. Dan ifisser allura illi gjaldarba l-istat ta' illegalita' baqa' jippersisti wara li l-appellant ha il-fond f'idejh, u gjaldarba l-appellant ma iressaqx prova li huwa ma kienx konsapevoli ta' din l-illegalita' meta huwa kien qed jokkupa l-fond, allura il-htija ghall-ewwel imputazzjoni tirrizulta billi hemm il-presunjoni legali kif hawn fuq indikat fit-termini tal-artikolu 264 tal-Kodici Kriminali.

Dan maghdud madanakollu ma jfissirx illi l-appellant kellu awtomatikament jinsab hati tat-tieni imputazzjoni. Illi gie deciz:

> **"Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, cioe` dik ta' hsara volontarja, l-ewwel qorti jidher li assumiet li galadarba kienet qed issib lill-appellant, allura imputat, hati skond l-ewwel imputazzjoni (cioe` dik ta' serq ta' kurrent elettriku), allura setghet necessarjament issibu hati skond it-tieni imputazzjoni. Dan ma hux legalment korrett. Fil-kaz tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, il-ligi ma tohloq ebda presunzjoni. Infatti jista' jkollok kaz fejn min jaghmel il-hsara, per ezempju, fil-meter ta' l-elettriku tkun persuna, filwaqt li min juzufruwixxi minn dik il-hsara u jisraq il-kurrent elettriku tkun persuna ohra. F'dan il-kaz**

**ma kien hemm ebda prova li l-hsara .... fil-meter saret mill-appellant.[3]"**

Illi fil-fatt fl-atti ma hemm l-ebda prova dwar min kienet il-persuna li fizikament effetwat l-alterazzjonijiet fil-meter tad-dawl u allura ikkagjonat l-hsarat konsegwenzjali ghal dawn l-alterazzjonijiet. Ma jirrizultax jekk dan sarx mill-appellant, minn persuna inkarigata minnu, minn George Farrugia jew inkella minn xi terz injot li kien jokkupa l-fond precedentement. Illi allura ghalkemm ir-reita' tirrizulta ippruvata fid-dawl tal-presunzjonijiet ta' fatt, kif ukoll fid-dawl tal-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 264 hawn fuq iccitat fir-rigward tar-reat tas-serq tal-elettriku, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li minnha dina il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi fadal biss biex jigi itrattat l-aħħar gravam konċernanti l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hija waħda eċċessiva. Illi gjaldarba l-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellant mit-tieni imputazzjoni u gjaldarba l-Ewwel Qorti ma jidhirx illi applikat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali billi l-ebda wahda mis-sub-incizi ghal dan l-artikolu tal-ligi ma hija iccitata fil-parti decizorja tas-sentenza, allura hemm lok ghal temperament fil-piena.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni ukoll u ghalhekk tghaddi biex tilliberah minnha. Tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikoli 20 u 278(3) tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellant ghal perijodu ta' sena prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

---

[3] App. Inf. Il-Pulizija vs Ronald Bruno deciza 31/05/2000

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Edwina Grima

Imhallef